MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 958/2010

**Mary Borg-Hampton għan-nom u in rappreżentanża ta' Joseph Borg Hampton**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat minn Mary Borg-Hampton għan-nom u in rappreżentanza ta' Joseph Borg-Hampton fit-23 ta' Settembru 2010 li permezz tiegħu l-attriċi ppremettiet:

1. Illi fiċ-ċertifikat tat-twelid tar-rikorrenti nomine maħruġ mir-Reġistratur Pubbliku bin-numru: 4410 tas-sena 1924 anness u mmarkat 'Dok MBH 01' l-isem, fil-kolonna *'Isem u kunjom', 'missier it-tarbija'* jidher

erronjament '**Toussaint Borg'** minflok l-isem '**Toussaint Borg-Hampton'**;

2. Illi missier ir-rikorrenti dejjem ġab kunjom Borg-Hampton u mhux Borg u minn meta twieled ir-rikorrent dejjem kienet iġġib l-kunjom Borg-Hampton u konsistentement kienet imsejħa u magħrufa bih, u dan kollu kif jirriżulta mill-annessi dokumenti mmarkati Dok MBH 02 sa MBH 014 u kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

3. Illi kemm il-ġenituri, familjari u ħbieb tal-istess rikorrenti jafuh bl-isem Borg-Hampton u dan huwa rifless fid-dokumenti uffiċjali bħad-dokumenti tal-passaporti li kopja tagħhom qed jiġu annessi. L-istess familja kollha tar-rikorrenti jġibu l-istess isem Borg-Hampton;

4. Illi *nonostante* ċjoe' l-att ta' twelid tar-rikorrenti juri l-isem 'Borg' u mhux 'Borg-Hampton';

5. Illi tali inkonsistenza kkawżat u qed tikkawża diffikultajiet prattiċi lir-rikorrent u dan fost l-oħrajn issa li jrid jirritorna lura mill-Ingilterra fejn ilu għal aktar minn 60 sena qed jiġi rifjutat lilu li jiġi mġedded il-passaport Malti tiegħu bl-isem *proprio;*

6. Illi r-rikorrenti għandha interess skond il-liġi *inter alia ai termini* tal-Artikolu 253 tal-Kap 16, li ssir id-debita korrezzjoni.

7. Għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, jgħid l-intimat għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:

1. Tiddikjara li l-isem li bih ir-rikorrent hija konsistenement magħruf huwa 'Borg-Hampton' u mhux 'Borg';

2. Tordna sabiex jikkoreġi ċ-ċertifikat tat-twelid, anness u mmarkat 'Dok MBH 01' minnu maħruġ biex issir

annotazzjoni u jingħataw provvedimenti opportuni, bin-numru erbgħa, erbgħa, wieħed, zero (4410) tas-sena 1924, fis-sens illi fil-kolonna intestata *'isem u kunjom', 'missier it-tarbija'* l-isem Toussaint Borg jiġi kkorreġut bl-isem '**Toussaint Borg-Hampton'**;

3. Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet fid-dokumneti pubbliċi fejn jidher isem ir-rikorrenti fis-sens li kull fejn hemm isem ir-rikorrenti li huwa indikat bħala 'Borg' jiġi kkorreġut l-isem 'Borg-Hampton';

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimat li huwa nġunt minn issa għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attriċi *nomine* u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ppreżentata fl-20 ta' Ottubru 2010, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi preliminarjament huwa meħtieġ li talanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi *in limine litis* ukoll qed jiġu nvokati kemm in-nullità tar-rikors ġuramentat u kif ukoll il-karenza tal-interess ġuridiku billi dan ir-rikors qed isir mill-attriċi *nomine* f'kunjom li sal-lum ma jappartjenix lilhom skont il-liġi;

3. Illi bla preġudizzju għal premess, dejjem *in vena* preliminari, l-attriċi Mary Borg-Hampton (*recte* Borg) trid turi li hija debitament awtorizzata li toqgħod fil-kawża għan-nom u in rappreżentanza ta' Joseph Borg-Hampton (*recte* Giuseppe Borg). Fl-istess waqt irid jiġi adegwatament ippruvat ukoll li l-attur Joseph Borg-Hampton (*recte* Giuseppe Borg) huwa nieqes minn din il-gżira kif hekk jirrikjedi l-Artikolu 1866 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Illi dejjem mingħajr ħsara għas-sueċċepit, fil-konfront tal-ewwel talba attriċi, l-esponent umilment jirrileva li ma jirriżultax mid-dikjarazzjonijiet maħlufa tal-attriċi u mid-dokumenti li ġew mehmuża flimkien mar-rikors ġuramentat li fid-data ta' reġistrazzjoni tal-Att tat-Twelid numru 4410 tas-sena 1924 (Dok. DRP 1) kien effettivament twettaq xi żball jew saret xi ommissjoni. Għalhekk ġaladarba ma kien sar l-ebda żball jew ommissjoni jsegwi li l-ebda korrezzjoni, tiswija jew żieda ta' kunjom ieħor ma tista' tiġi effetwata lill-imsemmi att tal-istat ċivili skont id-dettami tal-Artikolu 253 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Illi bla preġudizzju għal fuq imsemmi t-tieni talba tal-attriċi hija wkoll insostenibbli *stante* li l-Att tat-Twelid oriġinali ta' Giuseppe Borg bin-numru progressiv 4410/1924 ma jipprovdi l-ebda kolonna, intestatura jew spazju tal-ebda tip fejn jista' jiġi inserit il-kunjom tat-tarbija;

6. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għas-suriferit l-esponenti bid-dovut rispett ma jistax lanqas jifhem kif l-attriċi nomine setgħet qatt tippretendi li żżid il-kunjom *"**Hampton**"* wara l-kunjom *"**Borg**"* meta jirriżulta li l-ġenituri tal-attur Joseph Borg-Hampton (*recte* Giuseppe Borg) u ċjoè Toussaint Borg u Carmela nèe Storace, it-tnejn li huma ma kellhomx il-kunjom Hampton la bħala kunjom primarju u lanqas bħala kunjom sekondarju (Ara d-Dok DRP. 1);

7. Illi bla ħsara għal premess dwar it-tielet talba attriċi *nomine*, dina wkoll ma tistax tiġi akkolta. Fl-ewwel lok għaliex l-intimat huwa kompetenti biss fir-rigward ta' atti tal-istat ċivili u mhux tad-dokumenti pubbliċi kollha u fit-tieni lok għaliex skond l-Artikolu 253 (3) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta l-attriċi *nomine* għandha tispeċifika n-numru u s-sena tal-atti tal-istat ċivili li hi qegħda tagħmel riferenza għalihom;

8. Illi finalment mingħajr ħsara għall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tal-attriċi *nomine* mhijiex attribwibbli għal xi għemil da parti

tal-esponenti u għalhekk huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

9. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra l-attriċi *nomine* li qegħda tiġi inġunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits u dokumenti preżentati mill-attriċi fis-seduta tat-30 ta' Mejju 2011;

Rat illi fl-istess verbal tas-seduta tal-30 ta' Mejju 2011 il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attrici *nomine* qed tagħmel din it-talba *ai termini* tal-Artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-Artiklu 254 saret debitament. Matul il-kors tal-kawża l-attriċi talbet korrezzjoni fl-att promoter, fis-sens li minflok korrezzjoni tal-att tat-twelid talbet annotazzjoni.

Illi jirriżulta fil-fatt li l-attur dejjem kien magħruf bil-kunjom Borg-Hampton u kwindi t-talba għall-annotazzjoni hija ġustifikata. Madankollu għandu raġun il-konvenut jgħid li l-aħħar talba ma tistax tiġi milqugħa għaliex hemm bżonn li jiġu ndikati l-atti li wieħed irid ikun irid jibdel. Wieħed irid jgħid ukoll li t-talba oriġinali tal-attur ma kienetx tista' tintlaqa' kif sewwa eċċepixxa l-konvenut. Għalhekk ma jidhirx li l-konvenut jaħti għal dak li ġara u allura m'għandux ibati spejjeż.

**Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' l-ewwel żewġ talbiet attriċi, iżda limitatament biex issir annotazzjoni li l-attur kien dejjem magħruf bil-kunjom Borg-Hampton, u tiċħad it-**

**tielet talba u dan billi tilqa' s-seba' eċċezzjoni tal-konvenut.**

**L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-istess attriċi *nomine*.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------